Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 114 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Settur li Jipprovdi Servizzi Privati ta' Tindif

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu,bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Settur li Jipprovdi Servizzi Privati ta' Tindif.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha impjegati ma' stabbilimenti li jipprovdu servizz ta' tindif privat:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata", fik-każ ta' impjegati bix-xift, tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi u fil-każijiet l-oħra

kollha, tfisser perjodu li jibda minn nofsillejl (12:00 a.m.) ta' ġurnata sa nofsillejl (12:00 a.m.) tal-ġurnata ta' wara;

"ħin doppju" tfisser id-doppju tar-rata attwali ta' ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"impjegat bix-xift" tfisser impjegat li jkun impjegat regolarment fuq bażi ta' ċiklu ta' xift;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax (12)-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa fis-1.00 p.m. jew fis-1.00 a.m.;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol; L.S. 452.87.

"perjodu tal-impjieg" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"xift ta' billejl" tfisser kwalunkwe perjodu ta' impjieg li jinkludi kwalunkwe sigħat mill-10.00 p.m. ta' ġurnata sas-6.00 a.m. tal-ġurnata ta' wara.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. (1) Il-paga minima fil-gimgħa għall-impjegati whole-time, għajr l-għassiesa, għandha tkun relatata għal medja ta' erbgħin (40) siegħa kalkolati fuq perjodu ta' tlettax (13)-il ġimgħa, iżda s-sigħat ta' xogħol ma għandhomx jeċċedu l-ħamsa u erbgħin (45) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa.

(2) Il-paga minima fil-ġimgħa għal għassiesa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn tnejn u ħamsin (52) siegħa.

4. (1) Il-paga minima fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati whole-time għajr l-għassiesa għandha tkun ta' mitejn u disgħa u għoxrin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€229.44). Il-paga minima fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati whole-time li huma għassiesa għandha tkun ta' mitejn u tmienja u disgħin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€298.27). Paga minima ta' impjegati whole-time.

(2) Fil-każ ta' ħaddiema bix-xift, kemm-il-darba kull xift ta' ġimgħa billejl ma jkunx segwit minn xift ta' ġimgħa binhar, tali xift ieħor jew xifts oħra ta' billejl għandhom jintitolaw lill-impjegat għal remunerazzjoni ulterjuri li tammonta għal mhux inqas minn kwart tar-rata normali tal-paga tiegħu.

5. (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas. Allowance għall-uniformi.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas. L.S. 646.13.

6. L-impjegati whole-time, għajr l-għassiesa, għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux inqas minn siegħa b'kollox kuljum: Ħin minimu ta' mistrieħ ta' kuljum.

Iżda:

(a) bla ħsara għad-dispożizzjoni tal-paragrafu (b), l-intervall jew intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel u qabel l-aħħar siegħa tal-perjodu tal-impjieg; u

(b) fejn l-aħħar nofs siegħa tal-perjodu ta' impjieg tkun permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat għandu jkun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Mistrieħ minimu fil-ġimgħa. L.S. 452.87.

8. (1) Fil-każ ta' impjegati whole-time, għajr l-impjegati bix-xift u l-għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej: Rati minimi ta' sahra.

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tnax (12)-il siegħa fi kwalunkwe ġurnata waħda (1).....ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn ħamsa u erbgħin (45) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa waħda (1).....ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn medja ta'

erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa mifruxa fuq tlettax (13)-il ġimgħa konsekuttivi.....ħin u nofs;

(d) għall-ħin kollu maħdum fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel.....ħin u nofs;

(e) għall-ħin kollu maħdum il-Ħadd, f'festa tas-soltu, jew fit-tieni jew l-unika ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel.....ħin doppju.

(2) Fil-każ ta' impjegati bix-xift, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tnax (12)-il siegħa kuljum fi kwalunkwe ġurnata waħda (1).....ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn ħamsa u erbgħin (45) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa waħda (1)..... ħin u nofs;

(ċ) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa mifruxa fuq tlettax (13)-il ġimgħa konsekuttivi.....ħin u nofs;

(d) għall-ħin kollu maħdum fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel.....ħin u nofs;

(e) għall-ħin kollu maħdum fit-tieni jew l-unika ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel.....ħin doppju.

(3) Fil-każ ta' għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn tnejn u ħamsin (52) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi.....ħin u nofs;

(b) għall-ħin kollu maħdum 'il fuq minn disa' (9) sigħat fi kwalunkwe ġurnata.....ħin u nofs.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3):

(a) impjegati bix-xift ma għandhomx ikunu intitolati għal ħin maħdum f'shift normali l-Ħdud jew f'festa tas-soltu;

(b) fil-każ ta' għassiesa, meta festa tas-soltu taħbat fi kwalunkwe ġurnata bejn it-Tnejn u s-Sibt, għandha tiġi mħallsa s-sahra b'ħin u nofs għal xogħol 'il fuq minn tnejn u ħamsin (52) siegħa f'dik il-ġimgħa.

9. L-impjegati għandhom jkunu intitolati għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

10. (1) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax (12)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata detrminata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Leave għal mard. Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu bi sħiħ mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' leave għal mard jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba leave għal mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas għal leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) Impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' sitt (6) ijiem oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal-nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol

jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba l-leave għal mard;

Kap. 318.

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmija jeddijiet għandhom jiġu maħduma *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu tal-leave għal mard..

(5) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Ħin ta' stennija.

11. Impjegat għandu jkun intitolat għall-ħlas tal-paga minima applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-post tal-prinċipal tiegħu jew xi mkien ieħor, ħlief meta jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-permess espress jew impliċitu tal-prinċipal;

(b) għal xi raġuni li ma hijiex relatata max-xogħol tiegħu, għajr jekk ikun qed jistenna li jiġi assenjat lilu x-xogħol;

(ċ) unikament għar-raġuni li huwa jkun residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali tal-ikel f'kamra jew f'post fejn ma jkunx qiegħed isir xogħol, u ma jkunx qiegħed jistenna li jiġi assenjat lilu xi xogħol.

Tipi ta' leave oħra.
L.S. 452.101.

12. Impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-festi pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-

Att.

13. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għas-Settur li Jipprovdi Servizzi ta' Tindif u L-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Settur li Jipprovdi Servizzi ta' Tindif biex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom. Tħassir u riżervi. L.S. 452.74. L.S. 452.76.